THE YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION

22 ta' Novembru, 2017
Ref: 5-2017/18

# BORD TAL-PROTESTI U KONTROLL

**Ref: Protest imressaq minn Birkirkara FC Youth Academy b'referenza ghall-partita ta' U17 bejn Birkirkara FC u Hamrun Spartans FC , li ntlagħbet nhar is-sibt, 11 ta' Novembru, 2017.**

B'referenza għas-seduta tal-Bord tal-Protesti u Kontroll, li saret nhar l-Erbgħa 22 ta' Novembru, 2017. Hekk instema' l-protest kif imressaq minn Birkirkara FC Youth Academy, fejn kienet qeghda tigi kkontestata decizjoni tal-ufficjal tal-partita, b'liema decizjoni kien qieghed jigi allegat li kien sar zball tekniku. Ghal din ir-raguni kien qieghed jintalab li l-imsemmija partita ghandha terga' tintlaghab, hekk kif jistipula l-istatut tal-Assocjazzjoni, meta jkun sar zball tekniku.

Il-Bord uza l-fakulta li jaghtih l-istatut, li jappunta konsulent sabiex jassistieh fil process li wassal ghad-decizjoni ta' dan il-protest.

**Fatti**

L-ufficjal tal-loghba qal li waqt li l-*goalkeeper* ta'Birkirkara kellu l-ballun f'idejh gewwa l-kaxxa, ghadda kummenti offensivi lejn plejer tal-Hamrun. Huwa kecca l-plejer ta' Birkirkara u kif kien hiereg mill grawnd il-plejer ta' Hamrun imbotta lill-*goalkeeper* ta' Birkirkara u ghal din ir-raguni wrieh il-karta hamra wkoll. Huwa kkonferma li l-*goalkeeper* ta' Birkirkara tkecca minhabba l-kliem offensivi li huwa qal lill-plejer ta' Hamrun. L-ufficcjal qal li huwa pproceda bil-partita billi ordna li jinghata penalti favur Hamrun, minhabba l-fatt li l-*goalkeeper* ta' Birkirkara kien ghadda dawk il-kummenti gewwa l-kaxxa.

**Konsiderazzjonijiet**

Delegati ta' Hamrun sostnew li l-fatti ma kienux kif kien qieghed jghid l-ufficijal tal-loghba, ghaliex kien hemm kuntatt bejn iz-zewgt plejers, fejn il-goalkeeper ta' Birkirkara kien ghamel foul fuq il-plejer ta' Hamrun. Dan kien il-messagg li ghadda lilhom il-match inspector tal-partita fil-*half time.*

L-ufficjal tal partita qal li kieku kellu jinghata foul, dan kien ikun kontra l-plejer ta' Hamrun minhabba l-fatt li huwa kien qieghed itellef lill-goalkeeper milli jkompli bil-loghob. Huwa kkonferma li wera l-karta l-hamra lill-goalkeeper ta' Birkirkara minhabba l-fatt li kien ghadda kummenti offensivi lejn il plejer ta' Hamrun.

Delegati ta' Birkirkara qalu li kien car  u issa wkoll ikkonfermat li l-ufficjal tal-partita kecca l-*goalkeeper* minhabba l-lingwagg li uza u ghaldaqstant il-partita ma kelliex titkompla permess ta' penalti imma billi jinghata *indirect free kick.*

Il-konsulent qal li l-ufficcjal tal-partita ta verzjoni cara ta' dak li gara u ammetta li ha decizjoni hazina, meta ordna biex jinghata penalti, ghaliex il-partita, skond ir-regolamenti, kellha titkompla b'*indirect free kick* f'kaz bhal dan.

**Decizjoni Tal-Bord:**

Wara li sema' l-fatti impoggija quddiemu, kif ukoll lir-rapprezentanti taz-zewgt timijiet, il-Bord unanimament laqa' l-protest ta' Birkirkara FC Youth Academy minhabba l-fatt li sar zball tekniku li serjament jikser ir-regolamenti tal-loghba billi  nghata penalty minflok *indirect free kick,*  hekk kif ikkonferma l-konsulent tekniku.

Għaldaqstant il-bord  iddeċieda li l-imsemmija loghba ghandha terga' tintlaghab, hekk kif jistipula l-istatut tal-Assocjazzjoni, paragrafu 17i.

Il-Bord iddikjara wkoll li Birkirkara  FC Youth Academy ghandha tigi moghtija lura d-depozitu bin-nuqqas ta' €25 hekk kif stipulat fir-regolamenti.



Alex Pace
Segretarju
YFA – Bord tal-Protesti

Cc. Joe Micallef – YFA General Secretary